MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 399/2007

**Emanuele Scerri (ID numru 654663M)**

**Vs**

**Agnese Cutajar (ID numru 741053M)**
**u Carmelo Enriquez (ID numru 154055M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' hames telef lira Maltin (Lm5,000) rapprezentanti somma koncessa b'self brevi manu lil intimati accettanti liema somma giet somministrata bhala self brevi manu f'Gunju 2006 u dan skond skrittura redatta quddiem in-Nutar Peter Carbonaro datata 11 ta' Gunju 2006 annessi mar-rikors u mmarkat Dok A u ftehim verbali ulterjuri bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 u fol 3 tal-atti u markat Dok A.

Rat ir-risposta tal-konvenut/ intimat Carmelo Enriquez.

1. Illi preliminarjament fil-konfront ta’ l-eccipjenti, t-talba attrici hija intempestiva in kwantu l-eccipjenti ma rcieva ebda ittra legali jew ufficjali relattivament ghal dak reklamat mill-attrici f’dawn il-proceduri.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fid-data tal-ftehim tal-11 ta’ Gunju 2006 imsemmi mill-attur, l-esponenti kien mizzewweg u ghalhekk il-prezenza u l-kunsens tal-mara tieghu fuq l-imsemmi kuntratt kienet necessarja skond il-ligi ad validitatem u ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu rivolti lejn l-esponenti huma nfondati legalment.
3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess ghandu jirrizulta illi l-attur qieghed jitlob somma principali li teccedi sostanzjalment l-ammont misluf mill-attur lil konvenuta Agnese Cutajar skond kif imsemmi fl-istess kuntratt tal-11 ta’ Gunju 2006 ezebit mill-attur.
4. Illi ulterjorment ukoll anke fil-kaz illi tigi rikonoxxuta xi validita’ legali ghal garanzija reklamata mill-attur, l-istess l-attur huwa f’kull kaz obligat illi jagixxi bil-mezzi kollha li trid il-ligi biex jottjeni pagament, dejjem f’kaz li dan ikun dovut, mid-debitrici principali.

Rat dak verbalizzat a fol 29 u fol 35 tal-atti in rigward il-konvenuta/ intimata Agnese Cutajar u il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess Agnese Cutajar a fol 20 ibid kif ukoll dak verbalizzat a fol 43 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi-

a) L-initimata, Agnese Cutajar ma ppresentat l-ebda risposta bil-miktub sabiex tikkontesta t-talba attrici. Inoltre

avolja notifikata skond il-procedura specifikata fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, hi qatt ma dehret quddiem din il-Qorti sabiex tikkontesta l-istess talbiet jew sabiex twiegeb ghal Kapitolu ghas-subizzjoni taghha li jinsab a fol 30 ibid. Konsegwentement l-istess intimata/konvenuta ghandha tigi konsidrata bhala kontumaci, ghal kull effett u fini fil-ligi.

b) Da parti tal-intimat/konvenut, hu xehed (fol 47 et seq ibid) u semplicement sostna li, fil-fehma tieghu, kien qed jiffirma l-iskrittura bhala ‘xhud’ u li ma kienx jifhem l’’kuntratti’ u ‘… lanqas naf x’inhu garanti u dan avolja l-istess ftehim kien sar ‘… minn Avukat jew Nutar’. Certament, dan li xehed il-konvenut ma hux kredibbli minghajr il-bzonn ta’ xi kumment ulterjuri.

c) L-attur/rikorrenti issottometta ‘affidavit’ (fol 32 et seq ibid) flimkien ma kopja tal-ftehim, bejn il-partijiet (fol 2 u fol 33 et seq ibid). Minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-attur/rikorrenti fil-11 ta’ Gunju 2006 kien silef lill-intimata/konvenuta is-somma ta’ Lm4000 ghall-iskop hemm precisat.

Fuq din is-somma kellu jiddekorri l-imghax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena’ pagabbli separtament mill-kapital. Inoltre l-istess somma kellha tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ Lm100 il-wiehed bl-ewwel hlas jsir fl-ahhar ta’ Gunju 2006. Dwar dan jinghad illi f’kaz ta’ morozita, il-konvenuta/intimata kellha titlef kull beneficcju tat-terminu u s-somma kollha kellha tkun pagabbli minnufih ‘fuq domanda semplici tal-kreditur’. In rigward l-istess somma gie involut ukoll Carmel Enriquez in vista li accetta li jkun ‘garanti solidali mad-debitrici’ ghal hlas lura tas-somma mislufa bl-imghax relattiv u ghall-osservanza ta’ dak kollu miftiehem bejn l-attur/rikorrenti u l-intimat/konvenuta. In rigward dan il-hlas, pero’, l-attur/rikorrenti qatt ma irceva xi pagament.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, ghandu jinghad illi l-ammont misluf ma kienx Lm5000 izda Lm4000 u ghalhekk dak kanonizzat ghandu jigi ridott ghal Lm4000 pagabbli minnufih bl-imghax ta’ 8% dekorribbli mit-30 ta’ Gunju 2006. Inoltre

Carmel Enriquez ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hlas tal-istess somma bhala ‘garanti solidali’ flimkien mad-debitrici.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa ‘in parte’ t-talba tar-rikorrenti attur u tikkudanna lill-Agnese Cutajar u lil Carmel Enriquez, bhala garanti solidali, maghha s-somma ta’ Lm4000 ossija €9317.49 bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta’ Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficajli msemmija bla data fl-istess rikors, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn hamsa mill-attur/rikorrenti u kwantu ghal erba’ minn hamsa (4/5) mill-intimati/konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------